MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 1250/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Mohamed Mahadallah Ahmed**

Kumpilazzjoni Nru: 1250/2009

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammed Mahadallah Ahmed, ta’ 18 il-sena, iben Mohamed Ahmed Mahadallah u Fadumo Ahmed Mahamud, imwieled Somalia nhar l-1 ta’ Jannar, 1990 u residenti gewwa Hal Far, Hangar Open Centre, Hal Far u li ghandu karta ta’ l-identita numru 52334A.

Akkuzat talli nhar l-4 ta’ Ottubru, 2009 f’xi hin fil-ghaxija gewwa Hal Far Hangar Centre, irrenda ruhu komplici fir-reat ta’ tentattiv ta’ omicidju u fir-reat ta’ griehi gravi sofferti mill-vittma Abdi Risaq Farah, billi b’xi mod, xjentement, ghen jew assista lil awtur tar-reat u cioe’ lil Sakariye Alas Hassan fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunnsmat.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Jama Ahmed Omar u persuni ohra f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Jama Ahmed Omar;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ l-imsemmija Abdi Risaq Farah, Jama Ahmed Omar u persuni ohra sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ha parti f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma tkunx giet imxewxa minn hadd in partikolari;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra diversi persuni.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjar, glied jew mod iehor.

U aktar talli gewwa Hal Far nhar it-23 ta’ Novembru, 2009 ghall-habta tan-12:30 ta’ wara nofs in-nhar naqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija, persuni inkarigati mill-ligi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qieghdin jaghmlu l-qadi ta’ dmirijiethom.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

(a) 42, 214, 215 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) 214, 215, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) 68(1)(2), 339(1)(b)(d) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijijet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw incident li sehh nhar l-4 ta’ Ottubru 2009 fil-Hal-Far Hangar Centre.

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jidher li fil-gurnata in ezami sehhew diversi incidenti li fihom kienu koncernati diversi persuni. L-ewwel incidenti sehhew ghall-habta ta’l-erbgha u nofs ta’wara nofs in-nhar waqt liema incidenti xi persuni gew midruba. Meta marru l-pulizija fuq il-post certu Abdi Risaq Farah (parte civile fil-proceduri odjerni) ghen lill-pulizija bhala interpretu. Meta Abdi Risaq lesta minn mal-pulizija huwa mar lura fil-Hangar Centre pero baqa vicin tal-Guard Room. Ftit tal-hin wara giet persuna ohra: Jama Ahmed Omar (il-parte civile l-ohra fil-proceduri odjerni). Abdi Risaq ghajjat lil Jama Ahmed biex ma jidholx gewwa ghaliex hass li kien ser jinqala’ xi inkwiet iehor. Fil-fatt ftit tal-hin wara tfaccaw grupp ta’ nies fosthom l-imputat. L-imputat tefa’ xi gebel lejn, u laqat, lil Abdi Risaq u Jama Ahmed. Wara l-imputat, flimkien ma’ zewg persuni ohra mill-folla li kien hemm, bdew izommu lil Risaq fil-waqt li persuna ohra (ir-raba’ wahda) ta daqqiet ta’ sikkina lil Risaq; dan bid-daqqiet tas-sikkina waqa’ ma’l-art. Hekk kif waqa ma’l-art il-persuna li tat id-daqqiet u z-zewg persuni l-ohra telqu jigru fil-waqt li l-imputat baqa’ jaghti daqqiet ta’ sieq lil Risaq. Sadattant Jama kien waqa ma’l-art mitluf minn sensih bhala rizultat tad-daqqiet

ta’ gebel. Risaq u Jama ttiehdu l-isptar fejn Jama gie certifikat li kien qed isoffri minn griehi hfif fil-waqt li Risaq kien fil-perikolu tal-mewt. Fil-fatt minbarra diversi griehi m’partijiet differenti ta’ gismu, id-daqqiet tas-sikkina kienu ipperforaw il-kavita abdominali u laqtu l-ispleen il-pancreas u wahda mill-kliewi; fil-fatt l-ispleen u l-kilwa milqutgha kellhom jitnehhew. Xi gimghat wara l-incident, bhala parti mill-investigazzjoni, il-Pulizija marru Hal Far jistaqsu ghall-imputat; malli dan sar jaf li l-pulizija kienu qed jistaqsu ghalih telaq jigri u kellha ssir tfixxija f’l-inhawi sa kemm instab ftit aktar tard.

Illi l-imputat da parti tieghu jinnega li huwa kien involut f’dan l-incident jghid li fil-hin ta’ l-incident huwa kien fit-Tent Centre u kien biss l-ghada, meta f’xi hin mar fil-Hangar Centre, li sar jaf b’dak li kien gara. Huwa jammeti li meta, wara xi gimghat, marru l-pulizija jistaqsu ghalih (bhala parti mill-investigazzjoni f’dan il-kaz) huwa harab pero jghid li huwa harab ghax beza’ peress li l-police card tieghu kienet skadiet.

Illi mill-provi akkwizieti m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li Abdi Risaq Farah soffra daqqiet ta’ sikkina f’dan l-incident, hekk kif m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-awtur ta’ din l-aggressjoni kien certu Sakkarija Alas Hassan. Mill-provi jirrizulta ampjament pruvat ukoll li Risaq soffra griehi ohra, inkluz lacerazzjonijiet u griehi kompatibbli ma’ blunt trauma; hekk kif jirrizulta li Jama Ahmed Omar soffra griehi kompattibbli ma’ blunt trauma. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta f’dawn il-proceduri hija minn kien l-awtur ta’ dawn id-delitti u jekk kienx hemm xi persuni li ghenu lil dan l-awtur u konsegwentment jekk l-imputat kienu xi wiehed minnhom.

Illi mid-depozizzjonijiet taghhom jirrizulta li kemm Abdi Risaq kif ukoll Jama Ahmed Omar identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li waddbet il-gebel fid-direzzjoni taghhom u li zammet lil Abdi Risaq waqt li Sakkarija Alas Hassan tah id-daqqiet bis-sikkina. Fil-verita Jama Ahmed jghid li wara li meta hu u Adbi Risaq kienu hdejn il-guard room gew numru kbir ta’ nies jghidu “oqtlu”; l-istess nies bdew jghtu daqqiet lil Abdi Risaq u lill-istess Jama Ahmed; fost

din il-gemgha kien hemm l-imputat li, li flimkien ma’persuna ohra, beda jitfa’ gebel fid-direzzjoni taghhom; Jama Ahmed intlaqghat u waqa’ ma’l-art u meta kien ma’l-art ra lill-imputat jaqbad lil Abdi Risaq pero ma ra xejn aktar ghaliex mbaghad intilef minn sensieh.

Illi Abdi Risaq jaghti verzjoni simili hafna. Huwa jghid li wara li kien ghen lill-pulizija bhala interpretu f’l-investigazzjoni taghhom dwar l-incidenti li sehhew ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ wara nofs in-nhar huwa mar lura l-Hangar Centre u peress li beda jibza’ li ser jerga jqum l-inkwiet baqa fil-vicinanzi tal-guard room. Meta ra lil Jama Ahmed diehel qallu biex jibqa hemm hu ukoll u ftit wara gew l-imputat u persuna ohra bdew jitfaw il-gebel u laqtuhom; imbaghad l-imputat u zewg persuni ohra zammewh u bdew jghajjtu lil xi hadd iehor “hit him” u fil-fatt gie ragel iehor u tah daqqiet b’sikkina; wara dan Omar Risaq waqa’ ma’l-art u l-imputat beda jghatih bis-sieq. L-unika haga ohra jiftakar wara hija li sab ruhu l-isptar u kienu ghaddew xi jumejn minn fuq l-incident. Risaq qal ukoll fid-depozizzjoni tieghu li meta gie lura wara li kien ghen lill-pulizija bhala  interpretu hu kien talab lis-security officer biex igib pulizija ghaliex hass li kien ser jigri xi haga partikolarment in vista tal-fatt li hafna Somali (l-imputat u l-persuni l-ohra li attakkaw lil Risaq u lil Jama bhalhom kienu Somali ghalkemm gejjin min fazzjonijiet differenti) ma jiehdux gost meta xi hadd jikkopera mal-pulizija jew b’xi mod jghinhom f’xogholhom.

Illi fil-kors ta’ dawn il-proceduri taw id-depozizzjoni taghhom xi persuni ohra. Ali Yusuf Said jghid li huwa kien prezenti kemm wara nofs in-nhar u fil-ghaxija; hu ma tax dettalji dwar l-incidenti u qal biss li l-imputat kien jafu di vista u li ma rahx fil-Hangar Centre. Ghandu jinghad li dan ix-xhud kien riluttanti hafna li jixhed u ghalkemm kien prezenti ghaz-zewg incidenti ma rrankonta xejn dwarhom. Persuna ohra kien Mustafa Abdi Bihi; huwa iddeponi darbtejn quddiem din il-Qorti u darba quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Huwa jikkonferma li kien hemm tfiegh tal-gebel u li kien hemm xi persuni li bdew izommu lil Abdi Risaq fil-waqt li hadd iehor tah daqqiet bis-sikkina pero ma kienx jaf min huma dawn in-nies. Hu sostni ukoll li lill-imputat

ma rahx fost il-hafna nies li kien hemm. Ghandu jinghad li dan ix-xhud jammetti li huwa kien personalment involut f'dawn l-incidenti tant li ttiehdu proceduri (separati) kontra tieghu ukoll; il-kaz tieghu kien konkluz qabel ma tressaq bhala xhud.

Illi tressqu hafna aktar persuni bhala xhieda inkluz il-pulizija kollha li kienu involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz, l-esperti nominati f'l-atti ta' l-inkjesta li nzammet, kif ukoll it-tobba li b'xi mod kienu involuti fil-kura tal-vittmi. Dawn ix-xhieda ftit li xejn jistaw jitfaw dawl fuq min kienu l-agressuri f'dawn l-incidenti ghaliex ovvjament ma kienux prezenti; lanqas is-security officer ma tefa wisq dawl fuq dan l-aspett.

Illi ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tistrih fuq id-depozizzjoni taz-zewg vittmi, ta' Said Ali Yousef u Mustafa Abdi Bihi u ta' l-imputat ukoll. Huwa ovvju li hemm kunflitt bejn il-verzjoni mghotija miz-zewg vittmi min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat u z-zewg xhida l-ohra minn-naha l-ohra fis-sens li fil-waqt li z-zewg vittmi identifikaw pozittivament lill-imputat bhala wiehed mill-aggressuri taghhom, huwa jsostni li ma kienx hemm; iz-zewg xhieda l-ohra jghidu li huma ma rawhx hemm ghalkemm jammettui li kien hemm hafna nies.

Illi huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna li mhux kull kunflitt ghandu necessarjament iwassal ghall-liberatorja ta'l-imputat. Il-Qorti ghandha tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'xiex ghandha temmnu.

Illi fil-kaz in ezami, u tenut kont tal-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li tista' taghti affidabilita lill-verzjoni moghtija miz-zewg vittmi. Din il-fehma tal-Qorti hija riaffermata wara li kellha l-opportunita tara liz-zewg vittmi jixhdu. Jidba biex jinghad li l-vittmi ma kienux kapaci jitkellmu la bil-Malti u lanqas b'l-Ingliz; huma tkellmu b'lingwa kompletament estranja ghall-Qorti pero l-komportament taghhom waqt li kienu qed jaghtu d-depozizzjoni taghhom u b'mod partiklari l-bizgha li mmanifestaw fir-rigward ta'l-

imputat waqt li kienu qed jiddeponu kienet ovvja u tat kredibilita lill-verzjoni taghhom.

Illi konsegwentement il-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif irrakkontaw dawn iz-zewg persuni.

Ikikunsdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali huma: komplicita fil-feriment, b'offieza gravvissima, ta'Abdi Risaq Farah; griehi hfif a dannu ta' Jama Ahmed Omar; hebb kontra diversi persuni; li fforma parti minn gemgha ta' aktar minn ghaxar persuni kontra il-Ligi; li hedded li xi persuni bil-gebel; li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika; u (b'referenza ghal dak li sehh meta marru l-pulizija biex ifittxuh) li m'obdiex ordni legittima tal-pulizija.

Illi mill-assjem tal-provi, u anke in vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq indikati, l-Qorti hija sodisfatta li kull wahda mill-imputazzjonijiet addebietati lill-imputat giet pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti necessarjament trid taghti l-piz misthoqq lis-serjeta tar-reati in ezami; f'dan l-incident persuna kwazi tilfet hajjietha minhabba l-vjolenza minnha subieta. Min-naha l-ohra l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 42, 68(1)(2), 214, 215, 218(1)(a), 221, 338(dd)(ee) u 339(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonjiet migjuba kontra tieghu ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta'l-Avukat Generali u tikkundannah tlettin xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------